# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 15
Lulju Awwissu 1996

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA




*Kemm kellha Mona?* paġna 3

L-istorja vera ta' **Rip van Squirrel** paġna 4

**"Ħalluli saqajja!"** paġna 7

**VANDALFEST** paġna 12











Victor Falzon

*Żunżan tax-Xebda Kbira*

editorjal

# Għeżież Ħuttaf!



X'għaġeb nagħmlu, hux, meta nsibu xi annimal jew pjanta ġdida, jew ibejtilna xi għasfur ġdid. Kemm inġibuha malajr fil-paġna ta' l-aħbarijiet! U dan l-għaġeb kollu... għaliex?

It-tweġiba qiegħda f'kelma daqsxejn twila. Ngħidhielkom? Orrajt! Il-kelma hija BIJODIVERSITÀ. Bijodiversità ġejja minn żewġ kelmiet: *bios* li tfisser ħajja, u *diversità* li tfisser varjetà. Mela bijodiversità tfisser kemm post ikollu annimali u pjanti differenti. Pajjiż ta' bijodiversità kbira jiġifieri għandu natura sinjura.

Kultant in-nies jagħmlu xi ħaġa ħażina lill-ambjent, u din il-bijodiversità tibda tbati. Per eżempju tinżel tgħum fil-baħar u kull fejn tħares tara ġeġwiġija ħut u pjanti tal-baħar. Tmur sentejn wara fl-istess post u ħlief ħut ta' razza waħda ma tarax. X'ġara?

Ħafna drabi meta jiġri hekk, ikun hemm il-bniedem imdeffes fin-nofs. Jaqaw tefa' xi velenu fil-baħar? Jew qed jistad bl-addoċċ? Forsi rema salt ħama fil-qiegħ? Jew ħarablu xi ħut stramb minn xi fixfarm? In-natura tħoss *kull* differenza, u mill-ewwel tibda tonqos il-bijodiversità.

Imma, kos, il-maqlub jaħdem ukoll. Per eżempju jkun hemm post ikun fi stat diżastruż: biċċa art vojta, imballta u bla gost. Xi nies li jħobbu n-natura jżuru dan il-post u jiddeċiedu li jirranġawh għan-natura. Jagħmlu pjan u jibdew ibiddlu dan il-post ikrah f'riserva naturali. U jirnexxielhom.

U kif jindunaw li jkun irnexxielhom? Ħafifa hux! Għax il-bijodiversità tibda TIKBER! Wara kollox, din kienet fil-qosor l-istorja tar-riserva ta' l-Għadira. Daqs tmintax-il sena ilu fis-sajf l-Għadira kienet issir karpark kollu trab u melħ iqarmeċ! Morru issa u taraw id-differenza.

Saħħa ħbieb!



Victor

**Victor Falzon**
**Editur**



## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet** | **paġ 3** |
| **Mid-Dinja** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 15** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...il-Monakell** | **paġ 5** |
| **Fejn qegħdin l-Ħuttaf?** | **paġ 6-7** |
| **Ittrittrittri** | **paġ 6** |
| **Ħsieb għas-Sajf** | **paġ 7** |
| **Storjaritratti** | **paġ 8** |
| **Naturalment: Xtut Xummiema** | **paġ 8** |
| **Itfi...** | **paġ 9** |
| **FANTASIA** | **paġ 9** |
| **Working Group** | **paġ 9** |
| **Gruppi Lokali** | **paġ 9** |
| **Baħħara tal-Galàpagos** | **paġ 10** |
| **Art Gallery** | **paġ 11** |
| **X'rat il-kamera** | **paġ 12** |
| **Pinġipinġi** | **paġ 12** |




koċċli

*Faċċata ta' Quddiem*

**Żunżan tax-Xehda Kbira**

(*Polistes gallicus* - Large Paper Wasp)

Iċ-Ċiniżi kienu n-nies li vvintaw il-karti. Imma miljuni ta' snin qabel ma tfaċċa l-ewwel Ċiniż f'wiċċ id-dinja, iż-żnażan kienu diġà qed jibnu l-bejtiet tagħhom tal-karti! Fil-fatt, leġġenda Ċiniża tgħid li dak li tgħallem jagħmel il-karti qagħad josserva x'kienu qed iħalltu ż-żnażan, u għamel bħalhom!


**Working Group Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Margaret Muscat.


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.


**Pubblikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**



Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.



Stampat għand Poulton's Print Shop, Lulju1996

aħbarijiet

Grazzi lil Ray Galea tat-tagħrif dwar l-għasafar li qed ibejtu.

# *Mona kellha tnejn!*







Fl-aħħar Ħuttafa għednilkom li l-Għadira hemm par Monakell (little ringed plovers) fuq il-bajd. Dak il-par m'għadux fuq il-bajd... għax dak il-bajd faqqas! U għalhekk fir-riserva bħalissa hemm żewġ ġenituri tgħidx kemm huma kburin u kuntenti biż-żewġ frieħ li għandhom.

Din hija t-tieni darba li l-Monakella qed tbejjet Malta - l-ewwel darba kienet is-sena l-oħra, fl-Għadira wkoll.

Meta għasfur ġdid jibda jbejjet f'post, dan ifisser li jkun sab l-ambjent perfett għalih. Allura meta niftakru li r-riserva ta' l-Għadira saret bl-idejn u bil-miżati tal-membri ta' BirdLife Malta, fosthom membri fi Klabb Ħuttaf ukoll, aħbar bħal din għalina hija l-isbaħ ċertifikat li x-xogħol tagħna... għamilnih tajjeb!

# Twieldu fiċ-Ċimiterju



Iż-**Żanżarell tat-Tikki** (spotted flycatcher) huwa għasfur żgħir kannella mitfi bi ftit tikki fuq sidru - mhux xi għasfur li jispikka! U forsi għalhekk irnexxielu jbejjet Malta. U fejn mar jagħżel biex jibni l-bejta? Hekk hu: għall-kwiet ġo siġra taċ-Ċipress fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Din is-sena jidher li kienet tajba għaż-Żanżarell, għax minbarra l-bejta taċ-ċimiterju, instabu tliet bejtiet oħra ta' dan l-għasfur... fil-Buskett.

**Iż-Żanżarell tat-Tikki mhux għasfur li jbejjet Malta regolari kull sena... u għalhekk xeraqlu post f'din il-paġna!**



Fis-Simar il-Bagħal tal-Qasab (reed warbler) reġa' kien bil-bejta, reġa' kien bil-bajd u reġa' kien bil-frieħ! Nirrappurtaw li l-frieħ diġà tajru b'suċċess!

# IRDUM LI MHUX SE JKUN MIRDUM

**Ix-xtut ta' Malta mhumiex kollha bajjiet ramlin. Ħafna mit-truf ta' pajjiżna huwa rdum u sisien - art għolja li taqta' f'salt u taħtek... baħar!**

**L-irdum huma ambjent speċjali fejn tikber ħafna ħajja interessanti u rari. L-irdum huwa l-ambjent tal-Merill u ta' Widnet il-Baħar, li huma l-għasfur u l-fjura nazzjonali.**

**Ftit ilu ħafna rdumijiet f' Malta u Għawdex saru ambjent imħares bil-liġi. Jiġifieri: ma tistax tkisser minnhom, tħammeġ fihom jew tibni ħdejhom. Fost dawn hemm l-irdum ta' Ħad-Dingli u l-irdum tal-Munxar. L-irdum tal-Munxar sa ftit taż-żmien ilu kien ippjanat li jsir diżastru ta' konkos, tarmak u bini.**





# Mid-dinja...



## Rip van Squirrel!



Hawn skwirils itiru. Imsomma, mhux eżatt. Bejn dirgħajhom u saqajhom għandhom ġilda żejda li meta jistirawha tiġi qisha liżar miftuħ. Meta jaqbżu minn siġra għal oħra jifthu beraħ dirgħajhom u saqajhom u flok ma jaqgħu bis-salt, jigglajdjaw qishom paraxut ħaj. Minn dawn l-annimali jeżistu diversi speċi (f'Malta m'għandniex).

Fil-Pakistan għandhom speċi ta' skwiril itir li l-istudjużi ilhom ma jarawh xi sebgħin sena. Tant hu hekk li kienu ħasbu li l-ispeċi nqerdet għal kollox. Imma dis-sena, ġo għar f'wied qalb il-muntanju jismu Sai, studjuż Amerikan ra wieħed, anzi waħda.

Il-**Woolly Flying Squirrel** (*Eupetaurus cinereus*) għalhekk bħal reġa' qam mill-mewt. Imma l-ambjent tiegħu qiegħed fil-periklu li jinqered mill-kwantità kbira ta' ngħaġ u mogħoż li jirgħu f'dawk l-inħawi.

BBC Wildlife magazine - July 96

## Chin Chan China Bird!

**F'Mojiang, raħal żgħir fiċ-Ċina, in-nies jistennew bil-ħerqa l-passa tal-Ħuttaf! Għaliex?**

**Le, mhux għax iċ-Ċiniżi berdwoċers. Lanqas għax iħobbu jisparawlhom. U lanqas għax għandhom ħafna tfal membri fi Klabb Ħuttaf!!!**

**Jistennewhom bil-ħerqa, għax fis-sajf iċ-Ċiniżi ta' dan-naħat jimtlew nemus li ma jtihomx mument serħan.**

**Ul-Ħuttaf... jikolhomlhom!**



The Times - June 24, 1996

# KOMPETIZZJONI

Irranġa l-ismijiet imħawdin ta' l-għasafar (l-ewwel waħda lesta) u bl-ittri xxejdjati tifforma isem ta' għasfur ieħor. X'għasfur hu?

Ibgħat it-tweġiba lil:

**Kompetizzjoni Il-Ħuttafa 15**

**BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR 01.**

Żmien sal-31 ta' Awwissu 1996.

**Min jirbaħ jingħata premju sabiħ.**

Tinsix: Min iqasqas il-Ħuttafa niskwalifikawh!



**Norman Chetcuti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| K A P I L L E N | P E L L I K A N |  | P |
| R A V E N E L L | |  | |
| S A N M I E M U | |  | |
| L A N D A K R A | |  | |
| V E R A L U P I | |  | |
| L E S T N U R L | |  | |
| W I L A W E R Ċ | |  | |
| J I N Ż O R O L | |  | |

Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 14 jingħata f'ħarġa oħra minħabba li dil-ħarġa qed toħroġ kmieni...

# il-monakell

**Il-monakell huwa fi grupp ta' għasafar li jissejħu 'tajr tal-plajja' (bl-Ingliż waders). Ġeneralment dawn issibhom viċin l-ilma, u għalhekk għandhom binja li tadattahom għal dan l-ambjent.**




Il-monakell għandu saqajn twal li permezz tagħhom jimxi u jċafċaf fl-ilma baxx bla ma jxarrab żaqqu. Munqaru huwa rqiq u pjuttost tawwali, biex jaqbad xi insetti u annimali żgħar. Għandu ġwienaħ twal u mislutin, u titjira ħafifa.

F'Malta jidhru tliet speċi ta' monakell:

- il-**Monakella**, li hija l-aktar waħda komuni
- il-**Monakella Prima**, li hija inqas komuni u
- il-**Monakella Saqajha Suwed**, li hija skarsa

Dawn kollha jpassu minn Marzu sa Mejju u minn Lulju sa Ottubru, u x'aktarx jidhru madwar ix-xtut peress li f'pajjiżna m'għandniex xmajjar u għadajjar kbar 'il ġewwa mill-baħar. Għalhekk jekk tkunu ħdejn il-baħar u taraw għasfur żgħir jimxi (mhux joqmos bħal Tal-Bejt) mal-plajja, jista' jkun xi monakell.

Bħala kulur jispikka minħabba li ż-żaqq dejjem tkun bajda silġ u d-dahar skur, b'ħannieqa sewda u maskla skura fuq il-wiċċ. Saqajn il-Monakella huma sofor, tal-Monakella Prima kważi oranġjo, u tal-Monakella Saqajha Suwed... aqtgħu!

Il-berdwoċers jafu li fit-tajr tal-plajja, l-għajta hija importanti ħafna biex tgħinek tagħrafhom. L-għajta tal-Monakella, per eżempju, hija "piiii-uu", filwaqt li tal-Monakella Prima qisha l-maqlub tagħha: "tu-liiii"! Dawn l-għajtiet jispikkaw u jinstemgħu mill-bogħod ħafna. Spiss jinstemgħu ukoll bil-lejl, l-aktar waqt li l-monakell ikun qed ipassi. Jekk tridu titgħallmu kif tagħrfu sew il-monakell u t-tajr tal-plajja, l-aħjar hi li taslu wasla sar-riserva ta' l-Għadira f'Settembru fejn berdwoċer ta' l-esperjenza jkun jista' jispjegalkom. Ibqgħu ċerti, iżda, li huwa stess ikun għadu qed jitgħallem - is-sabiħ tal-berdwoċing huwa li kull darba li toħroġ, titgħallem xi ħaġa ġdida.

Ir-riserva ta' l-Għadira tidher li hija favorita sew mal-monakell. Fil-fatt is-sena li għaddiet u anke dis-sena (ara paġna 3), il-Monakella għażlet dan il-post bħala d-dar tagħha, u bejtet fuq gżira żgħira.

Sa fejn nafu, qatt qabel f'Malta ma bejjet dan l-għasfur, u għalhekk aħna ta' Klabb Ħuttaf reġa' għandna biex niftaħru! Iva, aktar ma nħarsu postijiet, aktar ma nużaw it-tromba flok is-senter, aktar tikber il-lista ta' l-għasafar li jbejtu fostna.

**U inqas ikollna x'ingergru li f'Malta m'hawn xejn ħlief Għasafar tal-Bejt u ħamiem!**

**Monakella** - *Charadrius dubius*, Little Ringed Plover
**Monakella Prima** - *Charadrius hiaticula*, Ringed Plover
**Monakella Saqajha Suwed** - *Charadrius alexandrinus*, Kentish Plover

**Mark Falzon**

# Fejn qegħdi...






Dil-graf turikom fejn jgħixu l-membri kollha ta' Klabb Ħuttaf.
Jidher ċar li l-Mosta qiegħda fuq quddiem!
Min jaf is-sena d-dieħla kif inkunu!

# ittrittrittrittrittrittrittri

## IKTBU LIL

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**



## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**
Biex Robert iwiġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 5ċ.

## ON TIME

Il-Ħuttafa **dejjem** nibagħtuha fil-ħin għall-attivitajiet. Jekk xi membri qed taslilhom tard, id-dewmien ikun min-naħa tal-posta. Kellmu ftit lilhom!

## Ma nafx x'gost jieħdu...

**Għażiż Editur,**

**Xi ftit żmien ilu jiena u l-ħbieb morna post ħdejn l-Għadira u rajna ħafna għasafar mejtin. Kważi kollha kienu Għasafar tal-Bejt, u aħna dfinnihom. Jiena ma nafx x'gost jieħdu l-kaċċaturi joqtlu l-għasafar.**

**Nixtieq ngħidlek prosit tal-magażin tagħkom u għat-tagħrif li jkun fih. Dejjem tiegħek**

**Andrea Scopazzi**
**Birkirkara**

Għażiż Andrea,

Jista' jkun li dak li rajt huwa r-riżultat ta' meta xi kaċċaturi jingabru flimkien u jagħmlu kompetizzjoni ta' sparar. Imma flok jużaw plattini, jużaw Għasafar tal-Bejt ħajjin li jkunu qabdu qabel! Heqq, x'jaqblilhom! Il-plattini għaljin, u l-Għasafar tal-Bejt b'xejn!

Naturalment, din hija kontra l-liġi f'Malta. Imma kif naħseb li taf, hawn ħafna li ma jimpurtahomx mil-liġi!

L-Editur



# n il-Ħuttaf?






- Bliet u rħula li ma jissemmewx ifisser li mgħandniex membri Ħuttaf minn dawk il-postijiet
- Il-figuri li qed jingħataw huma ta' Diċembru 1995

## Ħsieb għas-Sajf

F'daż-żmien tas-sajf spiss naraw familji sħaħ armati bi skieken f'xatt il-baħar jaqilgħu l-imħar minn mal-blat u jieklu jieklu jieklu.

Il-aħwa l-aħwa! Possibli dan-nies ma ġabux x'jieklu magħhom? Possibli l-piknik kulers imburġati bl-ikel ma kinux biżżejjed?

Le! le! Din id-drawwa ta' l-imħar hija biss passatemp biex neħdew ħdejn xatt il-baħar. U l-istess min jaqbad ir-rizzi, u l-istess min jaqbad il-granċijiet.

Aħna ta' Klabb Ħuttaf ma naqblux ma' passatempi li jagħmlu ħsara lin-natura. Mela l-imħar, ir-rizzi u l-granċijiet ħalluhom jgħixu ħajjithom fil-kwiet.



# STORJARITRATTI
LEJLA KRAFT (28 Ġunju)

Joanna Galea



Denise Sciciluna





Maria Zammit




ritratti Desirée Falzon

N A T U R A L M E N T




## XTUT XUMMIEMA

Kif jasal is-sajf, ix-xtut jimtlew bin-nies - u bil-ħmieġ. Il-ħmieġ ikerrah u, agħar minn hekk, jeqred ħafna ħlejjaq tal-baħar.

Il-plastik huwa skart perikoluż ħafna. Il-baħar huwa mimli boroż, pakketti u tazzi tal-plastik li jarmu n-nies. Il-plastik iżomm fil-wiċċ u jdum is-snin sakemm jitmermer. Il-fkieren tal-baħar jaħsbuh bram, jibilgħuh, imbagħad imutu. L-għasafar tal-baħar ukoll jippruvaw jikluh, u jifggħu fih.

Bi ftit tal-ħsieb, nistgħu nevitaw ħafna minn din il-qerda. Meta tmur ħdejn il-baħar, titfax skart fl-art jew fil-baħar. Iġbor l-iskart f'borża, agħlaqha sew meta tlesti, u armiha f'tank taż-żibel.

Ikun ħafna aħjar jekk tħeġġeġ lill-ġenituri jixtru piknik sett li jkun fih platti, tazzi, frieket u skieken li ma jintremewx wara li jintużaw darba, imma tibqa' tużahom. B'hekk tkun tassew qed tnaqqas l-iskart, għax tkun qed tevita li tuża d-disposables.

**Jason Aloisio**

Rajt programm fuq it-televixin? Għoġbok? Tajjeb! Spiċċa l-programm? Tajjeb! Issa, x'se tagħmel? Ħa tmur tilgħab xi ftit? Qabdek in-ngħas? Orrajt, mur. Imma ojj, qabel titlaq...

# itfi dak it-televixin!

Tagħmlux bħal ma taraw fuq xi films Amerikani. Dawk, għax l-elettriku jiġihom irħis, spiss iħallu t-televixin mixgħul il-ħin kollu, anke bil-lejl jew meta ma jkunux id-dar. Sewwa hekk, għax irħis jaħlu! Il-ħela qatt m'hija tajba. Ftakru biss li biex isir l-elettriku, jintużaw ħafna faħam u żejt. U dawn xi darba... ħa jispiċċawlna!

# FANTASIA

*Nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju sitt membri minn Klabb Huttaf dehru fuq it-televixin. Il-programm kien FANTASIA, programm ġdid għat-tfal.*

*Fil-programm Joanne Scerri intervistat lil Clayton Borg, Denise Sciclima, Stephen Sciclima, Kyra Vassallo, Maria Zammit u Mark Zammit dwar x'attivitajiet isiru fi Klabb Huttaf. Waqt l-intervista dehru filmati minn attivitajiet tal-Klabb. Il-membri rajnihom ukoll jagħtu kulur lil mudelli tal-ġibs.*

*Prosit Huttaf. Grazzi Joanne. Grazzi wkoll Robert Falzon, Huttafa mill-Mosta, talli ġentilment slifina l-forom għall-mudelli!*

*Fantasia jixxandar kull nhar ta' Tlieta fil-5pm fuq Super 1 TV.*

# Working Group

Il-membri preżenti tal-Working Group ta' Klabb Huttaf. Madwar il-mejda, mix-xellug: Norman Chetcuti, Isabella Borg, Jason Aloisio, Robert Borg, Desirée Falzon, Victor Falzon, Margaret Muscat u Audrey Chetcuti.



Anita Bezzina

# GRUPPI LOKALI

**H'ATTARD**
**Leaders:** Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech, Agnes Sciciuna (K), Silvio Scicluna (K).
**Helper:** Ian Balzan
**MSIDA/TA' XBIEX**
**Leaders:** Michelle Borg (K), Robert Borg (K), Fleur Casha, Etienne Grech, Marisa Grech.
**NAXXAR**
**Leaders:** Jason Aloisio (K), Anita Bezzina, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.
**RABAT**
**Leaders:** Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Angèle Pulis, Chris Pulis.

(K=Ko-ordinatur)

# APPELL

**Għandna bżonn ġenituri biex jgħinuna nwaqqfu Gruppi Lokali f'aktar inħawi ta' Malta u Għawdex! Min iħoss li jista' jgħin iċempel lil Desirée (436335) jew lil Audrey (454548).**

APPELL

# Baħħara tal-Galàpagos

**Tajr tal-baħar li jgħix fil-Gżejjer Galàpagos.**

## is-SUL



**Sula Saqajha Koħol**
Ir-raġel fl-ewwel parti tar-ritwal tan-namra: jipponta geddumu 'l fuq u jiftaħ ġwinħajh

Tpinġija: David Aloisio

Fil-Galàpagos hemm tliet speċi ta' sul: is-**Sula Saqajha Koħol**, is-**Sula tal-Maskra** u s-**Sula Saqajha Ħomor**. Dawn l-għasafar ġeneralment ibidu f'kolonji jmissu ma' xulxin. Isaħħnu l-bajd billi jżommuh taħt saqajhom. Fil-ġilda rqiqa ta' bejn is-swaba' hemm ħafna vini rqaq, li minnhom tgħaddi s-sħana mill-ġisem għall-bajd.

Dehra meraviljuża hija li tara Sula togħdos għall-ħut. Għall-ewwel bħal tieqaf fl-arja, imbagħad tagħlaq il-ġwienaħ u tinżel bħal vleġġa fl-ilma, b'geddumha twil u rqiq ippuntat 'l isfel. B'dan il-mod is-sula tinżel fil-fond, u meta titla' tidher ħuta f'ħalqha li dak il-ħin stess tiblagħha. Id-denb twil tas-Sula jagħtiha flessibiltà straordinarja fl-ilma, tant li tista' tibdel id-direzzjoni ta' l-għadsa f'ħakka t'għajn. Bis-saħħa t'hekk ukoll is-sul jista' jogħdos minn ħafna għoli f'ilma baxx bla ma jweġġa'.

Is-**Sula Saqajha Koħol** ma tibnix bejta, imma fi żmien in-namra l-par xorta jagħmel ritwal tal-bini tal-bejta. Dan jagħti ħjiel li missirijiethom xi darba kienu jibnu l-bejtiet. Ir-raġel isib biċċa materjal, bħal zokk jew rixa, jiġborha f'geddumu u jmur juriha lill-mara; wara jpoġġiha fl-art fejn ikunu se jqiegħdu l-bajd. Imbagħad il-par jiċċaqalqu 'l hawn u 'l hemm donnhom qed jibnu bejta, imma fil-fatt f'munqarhom ma jkollhom xejn! Ix-xogħol tat-trobbija jinqasam bejn iż-żewġ ġenituri. Ir-raġel, li huwa iżgħar u eħfef mill-mara, joħroġ jistad għal ħut żgħir biex jitma' lill-frieħ meta jkunu għadhom żgħar. Il-mara, li hija ikbar, toħroġ tikkaċċja meta l-frieħ ikunu tfarfru sew u jifilħu jieklu ħut ikbar!



Sula tal-Maskra

Is-**Sula Saqajha Ħomor** tagħmel il-bejta forma ta' ċattra mibnija bi zkuk li jiġborhom ir-raġel, imma li tirranġahom il-mara. Il-bejta jibnuha f'siġra żgħira jew arbuxxell - stramberija għal tajra tal-baħar! L-omm tbid bajda waħda, u filwaqt li ġenitur jieħu ħsiebha, l-ieħor imur jistad!

Is-**Sula tal-Maskra** tbid żewġ bajdiet tliet ijiem imbegħdin minn xulxin. Bħal fil-każ tas-Sula Saqajha Koħol, il-bajd jitqiegħed fl-art. Il-fellus il-kbir, peress li iktar b'saħħtu, ma jagħti qatt ċans liż-żgħir jiekol, u dan jispiċċa jmut bil-ġuħ. Dan it-tieni ferħ huwa bħal *insurance* fil-każ li l-ewwel ferħ ma jfaqqasx jew inkella jiġrilu xi ħaġa fl-ewwel jiem ta' ħajtu!

*Sula Saqajha Koħol - Blue-footed Booby*
*Sula Saqajha Homor - Red-footed Booby*
*Sula tal-Maskra - Masked Booby*

**Tagħrif miġbur minn**
**David Aloisio**

# Għandkom

ritratti tan-natura li tixtiquna nġibulkom f'Il-Ħuttafa? Mela aqbdu biċċa kamera u ħudu ritratti ta' fjuri u friefet u ħanfus u nannakoli u gremxul u li jiġi!

BASTA MHUX
- għasafar fil-gaġġa
- klieb, qtates, ħemsters, fkieren, tiġieġ eċċ!
- sardinell, ġeranju, roses, dalji, ġilju eċċ!

- Aħna nippruvaw inġibulkom ir-ritratti kollha, imma jekk ritratt ikun ċar wisq jew skur ħafna jew sfukat, ikollna problema biex nistampawh.
- Tinsewx isimkom u l-età (u l-indirizz jekk tixtiequ r-ritratti lura).
- Biex nibagħtulkom ir-ritratti lura, ibagħtulna magħhom envilop li jesagħhom u bolla tal-5ċ.

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur

Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta

## Kulħadd bid-DAQQUQA!!!

Nathan Gatt



daqquqa tat-toppu

Karl Farrugia (11)



daqquqa tat-toppu



ikompli jieħu ftit paċenzja, xi darba jmiss tiegħek... kuraġġ!

Min bagħat tpinġijiet li għadhom ma dehrux

Rosanne Vella



daqquqa tat-toppu

Francesco Scerri (10)



daqquqa tat-toppu



## x'rat il-kamera

**F'diversi nħawi ta' Malta daż-żmien issir il-Maltafest! F'diversi nħawi ta' Malta hawn ħafna nies li jiċċelebraw ukoll il-**

# VANDALFEST

victor falzon

